MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 2309/1996/1

**Korporazzjoni TeleMalta; u b'digriet tat-13 ta' Ottubru 1998**
**il-kawza tkompliet f'isem is-Socjeta` Maltacom, p.l.c.**

**v.**

**Joseph Galea**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili Prim Awla fit-30 ta' Marzu 2001, u li biha l-konvenut Joseph Galea, gie kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn seba' mija u sittax-il lira u disgha u sittin centezmu (Lm2,716.69) bhala danni kawzati minn hsara f'*cables* ta' l-istess socjeta` attrici waqt li l-konvenut kien qieghed iwettaq xoghol ta' tqattigh ta' trinek fi Vjal 21 ta' Settembru, n-Naxxar. Dan l-incident gara fis-27 ta' Frar 1994. Dik il-Qorti iddikkjarat ukoll li l-konvenut huwa responsabbli ghall-istess danni, liema danni gew kagunati minhabba nuqqas ta' ghaqal u nuqqas ta' hila fix-xoghol tieghu. Bl-istess sentenza giet michuda kemm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenut kif ukoll l-eccezzjoni fil-meritu li biha ikkontesta r-responsabbilita` ghad-danni pretizi mis-socjeta` attrici.

2. Kopja shiha tas-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti moghtija fit-30 ta' Marzu 2001, qeghdha tigi annessa bhala appendici mal-prezenti sentenza sabiex tifforma parti integrali minnha minhabba li fiha hemm migbura r-ragunijiet u l-motivazzjonijiet kollha, li wasslu lil dik il-Qorti ssib lill-konvenut responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta` attrici.

**<u>II. L APPELL</u>**

3. Joseph Galea ("l-appellant") hassu aggravat minn din id-decizjoni u ghalhekk huwa intavola appell minnha quddiem din il-Qorti b'rikors ta' l-appellipprezentat fid-9 ta' April, 2001. Ghar-ragunijiet spjegati fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-appellant qieghed jitlob li din il-Qorti joghogobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tirrespingi t-talba attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici.

4. Min-naha taghha s-socjeta` attrici appellata ma pprezentat l-ebda risposta ghar-rikors ta' l-appell imsemmi.

**<u>III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. Illi l-aggravju principali ta' l-appellant huwa li l-ewwel Qorti m'ghamlitx valutazzjoni akkurata tal-provi u tal-principji legali applikabbli ghall-kaz. L-appellant jirreleva li l-kwistjoni kollha kienet sostanzjalment tikkoncerna

apprezzament ta' provi, billi bejn il-verzjoni li taw ix-xhieda tas-socjeta` appellata u l-verzjoni li ta l-appellant kif korroborat mix-xhud tieghu, l-perit Alexander Buontempo, kien hemm konflitt serju. L-appellant huwa konxju li din il-Qorti, bhala regola, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti. Min-naha l-ohra huwa jenfasizza li din il-Qorti dejjem irriteniet li kien id-dritt u d-dover taghha li tiddisturba tali apprezzament tal-provi kif maghmul mill-ewwel Qorti jekk kemm-il darba dan ikun necessarju biex tigi evitata ingustizja manifesta ghax l-apprezzament ikun manifestament zbaljat. L-appellant ikompli jghid li jekk il-Qorti tkun sodisfatta li z-zewg verzjonijiet konfliggenti jkunu t-tnejn possibli, allura l-Qorti ghandha tichad it-talba attrici skond il-principju maghruf "*actore non probante, reus absolvitur*".

6. Din il-Qorti ezaminat akkuratament is-sottomissjonijiet kollha kontenuti fir-rikors ta' l-appell kif ukoll il-provi kollha li hemm migbura fil-process u waslet ghall-konkluzjoni li dan l-aggravju principali ta' l-appellant m'huwiex gustifikat. Jirrizulta li l-verzjoni tas-socjeta` appellata hija bazikament li l-post fejn kienu ghaddejjin il-*cables* tas-socjeta` appellata kienu fil-fatt gew indikati lill-konvenut qabel dan beda x-xoghol. Wara li l-*cable* intlaqat mill-konvenut bil-makkinarju tieghu waqt li kien qieghed ihaffer, instab li l-*cables* kienu precizament fejn kien gie indikat lilu. Il-verzjoni ta' l-appellant sostanzjalment hija li s-socjeta` appellata ma ikkoperatx bizzejjed mieghu, naqset li tibghat rapprezentant taghha mieghu fuq is-sit fejn kellu jsir ix-xoghol u naqset ukoll li tindika u timmarka fuq is-sit fejn precizament kien jinsab il-*cable* li eventwalment intlaqat.

7. Jirrizulta li l-konvenut u x-xhud tieghu il-Perit Buontempo xehdu permezz ta' affidavit u dawn iz-zewg xhieda ma gewx kontro-ezaminati. Jirrizulta wkoll li x-xhieda tas-socjeta` appellata, cioe` Victor Busuttil u Vince Axiaq, xehedu *viva voce* quddiem il-Qorti f'zewg okkazzjonijiet separati. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet f'pozizzjoni tajba li tosserva l-komportament ta' dawn iz-zewg xhieda waqt li kienu qeghdin jaghtu d-dispozizzjoni taghhom fuq il-pedana tax-xhieda. L-ewwel Qorti ghazlet

li taghti kredebilita` akbar lill-verzjoni tas-socjeta` appellata. Infatti jirrizulta li l-ewwel Qorti kienet sodisfatta li s-socjeta` appellata rnexxielha tipprova li l-impjegati taghha kienu verament immarkaw l-art, u cioe` l-post minn fejn kien ghaddej il-*cable* taghha. La darba waslet ghal din il-konkluzjoni, l-ewwel Qorti deherilha li ma kienx verament relevanti l-fatt li l-impjegati taghha ma kienux fuq is-sit fejn kellu jsir ix-xoghol dakinhar li sar l-incident. L-ewwel Qorti ghalhekk ikkonkludiet li l-konvenut kien jahti ghall-incident ghax ma mexiex kif trid is-sengha u l-arti meta kien qieghed ihaffer qrib il-post fejn kien jaf li kien ghaddej taht l-art *cable* tas-socjeta` appellata.

8. Din il-Qorti jidhrilha li fuq il-provi migbura fil-process l-ewwel Qorti kienet gustifikata li tasal ghal din il-konkluzjoni, u meta waslet ghaliha certament m'ghamlet l-ebda ingustizzja manifesta. Mhux hekk biss, anzi din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti kellha ragun tasal ghal din il-konkluzjoni ghaliex il-provi stess juru li fil-post fejn intlaqat il-*cable* kien hemm sinjali ohra li kienu jindikaw l-ezistenza ta' l-istess *cable*. Fil-fatt jirrizulta li dan il-*cable* kien protett, apparti mill-pajpijiet, minn sodda ta' konkos u taht dan il-konkos kien hemm ukoll *warning tape*. Fil-fatt ix-xhud Victor Busuttil *inter alia* xehed hekk (ara fol. 58):

"Il-Qorti: Sewwa. U l-konkos li semmejtli jkun ezatt fuq il-"cable"?

Xhud: Dak huwa jkun bhal sodda fuq il-pajpijiet, sodda fuq il-pajpijiet.

Il-Qorti: Fuqhom.

Xhud: Fuqhom. Issa, "once" li inti tkisser il-konkos inti mbaghad issib "warning tape". Issa dak jghidlek jekk accidentalment ilqatt il-konkos hemm "warning tape" fejn jghidlek "Isma, hawnhekk hawn "network", f'dak il-kaz tal-"Maltacom". Issa hemmhekk kellna "cable" importanti, fil-fatt ghandu "projection" ghal t'apposta ghalih."

9. Is-socjeta` appellata hadet hsieb li tipprotegi dan il-*cable* bil-mizuri msemmija fil-paragrafu precedenti peress li dan kien *cable* importanti hafna ifformat minn elf par

*wire*. Dawn il-mizuri ta' protezzjoni ma servew ghal xejn ghaliex sfortunament l-esekuzzjoni tat-thaffir da parti ta' l-appellant ma saritx b'dik il-prudenza u l-attenzjoni li kienet mistennija meta wiehed ikun jaf li kien qieghed ihaffer fil-vicinanza ta' *cable* bhal dan. Ghalhekk l-aggravju principali ta' l-appellant huwa infondat u ma jistax jintlaqa'. Isegwi li huwa ghandu jigi ritenut responsabbli ghad-danni konsegwenzjali li s-socjeta` appellata sofriet.

10. Fl-ahhar tar-rikors ta' l-appell tieghu, l-appellant irrileva li ma saret ebda prova tal-quantum tad-danni, izda sempliciment gew esebiti fotokopji ta' dokumenti li ma gew ikkonfermati minn hadd.

11. Lanqas din il-kritika ma hija gustifikata. Infatti jirrizulta li l-konvenut ma jikkontestax is-somma tad-danni pretiza fl-att tac-citazzjoni mis-socjeta` appellata b'xi eccezzjoni specifika kontriha. Ghandu jizdied ukoll li s-somma ta' elfejn seba' mija u sittax-il lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm2,716.69) pretiza mis-socjeta` appellata fl-att tac-citazzjoni giet konfermata mir-rapprezentant ta' l-istess socjeta`, cioe` Saviour Farrugia. Din is-somma hija maghmula mis-somma ta' elf hames mija u erbatax-il lira Maltin tnejn u tletin centezmu u seba' millezmi (Lm1,514.32c7) spejjez tal-materjal uzat skond id-dokument a fol. 7 tal-process kif ukoll is-somma ta' elf mitejn u zewg liri Maltin sitta u tletin centezmu u hames millezmi (Lm1,202.30c5) kif jirrizulta mid-dokumenti a fol. 8, 9 u 10 tal-process. Din l-ahhar cifra turi l-ispejjez tax-xoghol involut u cioe`, il-haddiema li sewwew il-hsara. Id-dettalji kollha ta' dawn il-haddiema u s-sieghat li hadmu kif ukoll il-paga relattiva taghhom tinsab specifikata fl-istess imsemmija dokumenti a fol. 8 u 10 tal-process.

11. Il-Qorti tinnota li l-appellant ma ressaq l-ebda aggravju dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li giet michuda mill-ewwel onorabbli Qorti.

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fit-30 ta' Marzu 2001, u tordna li l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu kollha a karigu ta' l-appellant Joseph Galea.

Deputat Registratur
df

## APPENDICI

Kopja tad-decizjoni moghtija fit-30 ta’ Marzu 2001, qeghdha tigi annessa ma’ din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------